# MALTA MISSJUNARJA – IT-13-IL PARTI



Dun Ġwann Sciberras (1907-1983) – it-tielet editur ta' 'Malta Missjunarja'.

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

Fir-rivista t'April 1955 insibu artiklu simili ta' Dun Ġwann Sciberras: *Ufficċju Kbir Qalb Ikbar* (Sena XXII, nru 4, p.49). Fih ifakkar x'kien il-ħsieb wara t-titlu tal-artiklu ta' Dun A. Cilia. Fl-istess ħin javża 'l-qarrejja bit-trasferiment tal-Ufficċju Missjunarju li issa beda jopera mit-tieni sular ta' binja f'Nru 7, Triq il-Merkanti, quddiem il-Knisja ta' San Ġakbu, il-Belt. Iċ-ċaqliq sar għax il-qadim kien wisq żgħir biex jaqdi l-ħtiġiet dejjem jikbru b'risq il-missjoni u minħabba l-għadd dejjem jikber ta' kotba ppubblikati u materjal ieħor propagandistiku. Fil-post il-ġdid issa setgħu jibdew isiru l-laqgħat tal-kumitati tal-ħafna Movimenti Missjunarji, li min-naħa tagħhom ukoll kienu qegħdin iżidu fl-attività tagħhom. L-editur iħossu żgur li, bil-kisba ta' post ġdid u ikbar, l-għadd ta' ħbieb tal-OMP kien se jikber ukoll, u daqstant ieħor tikber il-ġenerożità tagħhom għall-"akbar opra fost l-opri kollha" (Piju XI). L-editorjal jinsab fiduċjuż li, l-ufficċju kien ser jara wkoll tkabbir fil-konnoxxenza ta' qalbu lejn dawk kollha li jiġu biex iwasslu l-frott tas-sagrifiċċju u tal-karità tagħhom għall-missjoni. L-editorjal jagħlaq bi stedina lill-ħbieb kollha, anki jekk bla ebda bżonn, biex jiġu jżuru dan il-post ġdid.

Fis-*St Paul's Missionary Crusade 1953: "25 Sena fis-Seminarju"* (Sena XXII, Jannar 1954, nru 1, pp.1-2), Dun Ġwann Sciberras jagħtina ħarsa lejn ħidmietha minn kemm ilha mwaqqfa. Fil-ħarġa ta' MM ta' Jannar ta' din is-sena konna diġà tkellimna dwar din is-soċjetà missjunarja. Li xtaqt inżid hawnhekk huma tagħrifiet ġodda li nsibu f'dan l-editorjal. Kif nafu diġà, din kienet twaqqfet għal żewġ skopijiet ewlenin: li ddarri lis-seminaristi jkollhom spirtu missjunarju u li tgħin il-missjonijiet b'kull mod possibbli. Il-*Guida delle Missioni Cattoliche* ta' dak iż-żmien ma naqsitx milli tfaħħarha għas-sehem kbir tagħha fit-tixrid taż-żelu missjunarju f'Malta. Ngħidu aħna, bil-flus li ġabret, hija kienet diġà adottat seminarista indiġenu, li mbagħad sar saċerdot f'April tal-1938, u għenet seminarju minuri fil-missjoni. Għenet mhux biss materjalment, iżda wkoll spiritwalment permezz t'offerti ta' tqarbin, quddies



POST ĠDID TA'
L-UFFIĊĊJU MISSJUNARJU

Mill-bidu ta' dan ix-xahar ta' April, l-Ufficċju Missjunarju tagħna ġie trasferit f'dan l-indirizz:
7, TRIQ IL-MERKANTI — VALLETTA,
IT-TIENI PJAN — (TELEF. CENTRAL 4784).
Quddiem il-Knisja ta' San Ġakbu. — Dħul mill-intrata tad-Ditta "Relpet".
Ejjew għamlulna żjara. — Ibqgħu ejjew bħal qabel. — Nilqgħukom u naqdukom aħjar!

Avviż tas-sede l-ġdida tal-Ufficċju Missjunarju li deher f'MM Sena XXII, April 1955, nru 4, p.52.

u sigħat t'adorazzjoni li kull seminarista kien lest joffri biex jgħin lill-missjoni.

Fl-editorjal *Qari Tassew Tajjeb* (Sena XXIV, Settembru 1956, nru 9, pp.129-130), Dun Ġwann Sciberras iħeġġeġ lill-ġenituri biex jagħtu lil uliedhom kotba, ġurnali, rivisti tassew tajba, fosthom MM. Skontu: "Sa mill-bidu nett, l-Opri Missjunarji Pontifiċji għamlu minn kollox biex il-perjodiku tagħhom ikun attraenti u istruttiv kemm jista' jkun." Barra dan, l-editur isemmi wkoll li kienu għadhom kif ġew stampati tliet xogħlijiet ta' DAX: ir-rumanzi *Il-Wieħed u Ħamsin* u *Ben Said*, kif ukoll *Dwal*, antoloġija ta' stejjer, poeżiji u tagħlim fuq il-missjoni. Fi kliem l-editur: "L-iskop prinċipali tagħna huwa li, permezz ta' MM u tal-kotba li noħorġu, inxerrdu dejjem iżjed l-idea missjunarja fost kulħadd, kbar u żgħar, ġewwa pajjiżna." L-editur jinsab konvint li permezz tagħhom "f'Malta kibret ħafna l-imħabba u l-għajnuna għall-missjoni." Mill-banda l-oħra, wieħed huwa konxju mill-fatt li mill-qari tagħhom tista' toħroġ ħeġġa ġdida missjunarja. Huwa għalhekk li l-perjodiku jingħatalu importanza billi wieħed jipprova jagħmlu kemm jista' jkun interessanti u mimli tagħlim missjunarju. Mhux biss, iżda wieħed għandu jagħmel ħiltu kollha ħa jinxtered dejjem iżjed u jidħol, jekk jista' jkun, f'kull familja Maltija. Dan jingħad ukoll għall-kotba missjunarji, iżda kollox jiddependi mill-ġenituri jekk dawn il-mezzi sbieħ ta' propaganda missjunarja jgħaddux għand uliedhom biex minnhom jinkiseb il-ġid għall-missjoni. L-editur jinsab ċert li: "il-ġenituri ma jiddispjaċihomx jekk permezz tal-perjodiku u tal-kotba, Alla jogħġbu jiżra' fil-qalb ta' xi ħadd minn uliedhom il-vokazzjoni missjunarja." Huwa jagħlaq l-editorjal billi jgħid: "Din tkun l-isbaħ konsolazzjoni għall-istess ġenituri u l-isbaħ frott tal-qari missjunarju mxerred minna!"

*Għalaqna 24 Sena* (Sena XXIV, Settembru 1956, nru 9, pp.133-4), ifakkar li r-rivista kienet sena biss 'il bogħod mill-Ġublew tal-Fidda. Għad li skont l-artikolist kull ħaġa ġdida hija diffiċli u d-diffikultajiet tal-bidu kienu jidhru kbar, kollox intrebaħ u MM "irrivoluzzjonat il-perjodiċiżmu f'Malta." Huwa jfakkar, li minn dakinhar li bdiet toħroġ, kellha tliet diretturi: Dun Nikola Zammit (1888-1969) – li kellu esperjenza kbira fil-kitba tal-Malti, li dam biss minn Settembru 1932 sa Mejju 1933; Mons. Arturo Bonnici (1903-87) - Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata tal-Isla, awtur ta' *History of the Church in Malta* fi tliet volumi, li dam minn Ġunju 1933 sa Novembru 1935, u Dun Ġwann Sciberras (1907-83), l-awtur editorjali.

Sa mill-bidu nett, l-għan tagħha kien biex tgħallem fuq il-missjonijiet, u li minnu "qatt ma tbiegħdet u qatt ma ħalliet li fiha jinfiltraw kitbiet li ma jkunux fuq dawn is-sisien." Saħansitra waqt il-gwerra, "hija kienet l-uniku perjodiku li baqa' joħroġ matulha kollha, żammet il-prestiġju tagħha, għalkemm f'forma fqajra skond iż-żminijiet." Iżid jgħid li: "Tul l-24 sena MM ma waqfet qatt



Dun Nikola Zammit – l-ewwel direttur tar-rivista 'Malta Missjunarja'.

toħroġ, bombi u mhux bombi, diffikultajiet u mhumiex, baqgħet ħierġa dejjem u dejjem żammet l-għadd tagħha ta' abbonati għoli, mill-iktar għoli li qatt pubblikazzjoni jista' jkollha f'dawn il-gżejjer tagħna. U dan huwa l-aħjar ċertifikat ta' kemm hija maħbuba mill-Maltin." Dan għaliex skontu hija "tilħaq ix-xewqat ta' kulħadd, ta' dawk li għandhom skola profonda u ta' dawk li ma għandhomx. Tal-istudjużi kif ukoll ta' dawk li mal-istruzzjoni jixtiequ jkollhom ir-rikreazzjoni." Mhux biss, iżda "hija taħseb mhux biss għall-kbar imma anki għaż-żgħar. Hija f'kelma waħda l-perjodiku tal-familja."

Iżid jgħidilna kif bħala organu tal-OMP, MM "qatt ma nsiet lill-Missjunarji Maltin". Ħsieb id-direzzjoni kien dejjem li l-Maltin jiġu mgħarrfa minn ħidmet ħuthom il-missjunarji li jinsabu 'l bogħod minn art twelidhom. Mill-banda l-oħra, hija tieħu ħsieb ukoll twassal ir-rivista lill-emigranti Maltin "biex dak li huma kienu jduqu hawn Malta ma jitilfuhx." Għalih, is-suċċess tal-perjodiku huwa dovut għal "din il-għaqda viċendevoli[1]" u l-għadd kbir tal-qarrejja li mingħajrhom "ma kienx ikun possibbli li toħroġ fil-format li hija u bl-istampi li ġġib u bil-prezz li tinbiegħ mingħajr ma tirrikorri għal fondi barranin." Grazzi għall-għaqal u l-interess li wrew l-amministraturi fit-tmexxija finanzjarja tagħha, ir-rivista dejjem għarfet tlaħħaq mal-ispejjeż kollha weħidha bla ma tiġi bżonn ħadd. Iżda s-sigriet tagħha huma ż-żelaturi u ż-żelatriċi li "bl-onestà tagħhom u bl-imħabba li għandhom għall-missjoni, ma jonqsu qatt li jwettqu dmirijiethom bl-akbar eżattezza." Xogħolhom


Mons. Arturo Bonnici - it-tieni direttur tal-perjodiku MM.

iqassmuha fil-parroċċi tagħhom, li jsibu abbonati ġodda u li jġibu flushom. Dan jagħmluh b'sagrifiċċju kbir u tiċħid personali. U għad li ħajjet MM "hija twila, mimlija fatti li trid it-tul biex tiktibhom", il-fatt li dejjem intweriet "id il-Provvidenza Divina fit-tmexxjija tagħha" huwa ta' konfort u timla bil-qawwa lil dak li jkun. Għamlet żmien, ir-rivista kienet tidher li ser tegħreq, iżda l-affarijiet ibbnazzaw f'kolp li ħadd ma kien jobsru, bla ma l-qarrejja jsofru il-burraxki li għaddiet minnhom. ■

[1] Reċiproka; mutwali; tal-wieħed lejn l-ieħor; ta' xulxin.




TFAL MISSJUNARJI

Programm għat-tfal bi produzzjoni ta' MissioTfal u preżentazzjoni ta' Claudia Cini. Kull nhar ta' Ġimgħa fit-3:30pm fuq Radju Marija 102.3FM (Malta) / 107.8FM (Għawdex).